



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, il-15 ta' Novembru 2019

Il-ġlieda tal-UE kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi: sa issa ftit li xejn sar progress, jgħidu l-Awdituri

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-ġlieda tal-UE kontra s-“superbatterji”, speċjalment il-batterji li saru reżistenti għall-antibijotiċi, sa issa ftit li xejn għamlet progress. Filwaqt li l-azzjoni tal-UE wasslet għal xi progress, speċjalment fir-rigward ta' kwistjonijiet fis-settur veterinarju, ftit hemm evidenza li kien hemm tnaqqis fil-piż sanitarju relatat mar-reżistenza għall-antimikrobiċi, jgħidu l-awdituri.

Ir-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR) isseħħ meta mikrobi bħal batterji, virusijiet, parassiti jew fungi jiżviluppaw reżistenza għal mediċini li qabel kienu jipprovdu trattament effettiv. Kull sena, madwar 33,000 persuna fl-UE jmutu minn infezzjonijiet ikkawżati minn batterji reżistenti għall-mediċini, li jiswew ukoll lill-ekonomija EUR 1.5 biljun minħabba spejjeż tal-kura tas-saħħa addizzjonali u telf fil-produttività. Il-ġlieda kontra s-superbatterji hija kkumplikata u tirrikjedi approċċ integrat ibbażat fuq il-prinċipju “Saħħa Waħda” għas-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u l-ambjent.

L-awdituri vvalutaw il-mod kif il-Kummissjoni Ewropea u l-aġenziji tal-UE mmaniġġjaw l-attivitajiet u r-riżorsi ewlenin għat-tnaqqis tal-AMR. Huma eżaminaw l-appoġġ mogħti mill-Kummissjoni għar-rispons tal-Istati Membri fir-rigward tal-approċċ “Saħħa Waħda” u l-kontribut tagħha biex tippromwovi l-użu prudenti tal-antimikrobiċi fl-annimali. Huma analizzaw ukoll l-appoġġ mogħti mill-UE għar-riċerka dwar l-AMR.

“Ir-reżistenza għall-antimikrobiċi tippreżenta theddida serja għas-saħħa pubblika”, qal Nikolaos Milonis, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. “Filwaqt li sar xi progress fir-rigward ta’ kwistjonijiet fis-settur veterinarju, jeħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea, flimkien mal-Istati Membri, iżjed l-isforzi tagħha biex tindirizza din it-theddida li dejjem qed tiżdied.”

L-awdituri kkonkludew li l-appoġġ mogħti mill-UE għat-tiŝiħ tal-approċċi “Saħħa Waħda” tal-Istati Membri għall-AMR kien siewi. B’mod partikolari, huwa kkontribwixxa biex jittieħdu deċiżjonijiet ta’ politika aktar infurmati u ffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju ta’ esperjenzi bejn

L-iskop ta’ din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

I-Istati Membri. Madankollu, huma jgħidu li hemm potenzjal għal sinerġiji ulterjuri biex jappoġġaw il-ġlieda kontra l-AMR permezz ta' investimenti mmirati u kosteffettivi. Huma jiġbdu l-attenzjoni wkoll għal xi lakuni fil-monitoraġġ tal-progress u fis-sorveljanza ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa, li x'aktarx inaqqsu r-ritmu tal-azzjonijiet kontra l-AMR. Huma jqisu wkoll li d-*data* xjentifika dwar l-okkorrenza u t-tixrid tal-AMR fl-ambjent għadha mhijiex suffiċjenti.

L-awdituri sabu li, filwaqt li l-progress kien irregolari, l-użu ta' antimikrobiċi fis-settur veterinarju kien sar aktar prudenti fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri tal-UE. Dan huwa fattur ewlieni fil-ġlieda kontra l-AMR. Madankollu, huma jgħidu li l-użu ta' ċerti antimikrobiċi għadu għoli wisq. Ir-regoli l-ġodda tal-UE għall-prodotti mediċinali għal użu veterinarju u l-għalf medikat jindirizzaw xi wħud mid-dgħufijiet magħrufa. Madankollu, għad hemm xi problemi, bħad-diffikultajiet li l-Istati Membri jiffaċċjaw fil-ġbir tad-*data* u l-lakuni fil-monitoraġġ ta' batterji reżistenti fl-ikel u fl-animali. Għall-awdituri, il-politika agrikola komuni futura tipprovdi opportunità biex il-qafas tal-UE għall-indirizzar tas-superbatterji jissaħħaħ aktar.

Il-baġit tal-UE huwa sors ewlieni ta' finanzjament għal investiment fir-riċerka dwar l-AMR. Madankollu, għad ma kienx hemm xi rivoluzzjoni fl-iżvilupp ta' klassijiet ġodda ta' antimikrobiċi. Barra minn hekk, l-awdituri josservaw li l-Kummissjoni ma wettqet l-ebda evalwazzjoni komprensiva tal-appoġġ tagħha għar-riċerka (li jammonta għal aktar minn 99 % mill-infiq tal-UE fuq l-AMR). Fl-aħħar nett, il-fallimenti tas-suq li jiskoraġġixxu lir-riċerka mis-settur privat fuq il-ġlieda kontra l-AMR għadhom ma ġewx indirizzati b'mod adegwat permezz ta' inizzjattivi konkreti tal-UE.

Abbażi tas-sejbiet tagħhom, l-awdituri jagħmlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex jitjieb ir-rispons tal-UE għall-AMR, b'mod partikolari billi:

- isir titjib fl-appoġġ li jingħata lill-Istati Membri;
- jiġi promoss l-użu prudenti tal-antimikrobiċi għal użu veterinarju u monitoraġġ aħjar tal-AMR; u
- jiġu msaħħa l-istrategġiji li jagħtu spinta lir-riċerka dwar l-AMR fl-UE.

Noti lill-Edituri

L-AMR tirrappreżenta theddida serja għas-saħħa globali, l-iżvilupp u s-sigurtà tal-ikel. Fl-aħħar mill-aħħar, il-ġlieda kontra l-AMR tikkonsisti f'żewġ sfidi ewlenin: l-użu tal-antimikrobiċi eżistenti jsir aktar prudenti u effiċjenti, u l-iskoperta u d-disponibbiltà ta' antimikrobiċi ġodda permezz tar-riċerka u l-iżvilupp.

Fl-2017, b'segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni Globali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-"Pjan ta' Azzjoni tal-UE "Saħħa Waħda" kontra l-AMR", li fih azzjonijiet relatati mas-saħħa, ma' kwistjonijiet fis-settur veterinarju u mal-ambjent.

Ir-Rapport Speċjali Nru 4/2019 "L-indirizzar tar-reżistenza għall-antimikrobiċi: progress fis-settur tal-animali, iżda din it-theddida għas-saħħa tibqa' sfida għall-UE" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika.

Kuntatt għall-Istampa għal dan ir-rapport

Vincent Bourgeois – E: vincent.bourgeois@eca.europa.eu

T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502